# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Numru: 7**

**Illum 27 ta' Frar 2024**

**Rikors Ġuramentat Nru 502/2023**

**Eucharist Baldacchino**

**u**

**Ivan Gauci**

**v.**

**Vladimir Petropoljac, Marianna Petrolojac**

**u**

**Kingstone Group Limited**

1. F'din il-kawża, li tressqet skont il-proċedura mfissra fl-art. 167 – 170 tal-Kap. 12, Eucharist Baldacchino u Ivan Gauci qegħdin jitolbu li l-intimati jiġu dikjarati debituri solidali tar-rikorrent Eucharist Baldacchino fl-ammont ta' €33,945.00 u tar-rikorrent Ivan Gauci fl-ammont ta' €114,768; li jiġi kkundannati sodilament li jħallsu l-imsemmija ammonti lir-rikorrenti rispettivament; u li jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

2. It-talba hi mibnija fuq kostituzzjoni ta' debitu tas-7 ta' April 2016 (Dok A) (li r-retroxena tiegħu ngħatat f'para 1 sa 5 tar-rikors ġuramentat), wara li tnaqqsu l-pagamenti li saru akkont (para. 8 tar-rikors ġuramentat). Il-fatti allegati huma kkonfermati mid-

dikjarazzjonijiet ġuramentati tal-atturi (paġ. 7 u 8), u mill-kopja tal-kostituzzjoni ta' debitu in kwistjoni.

3. Il-qorti rat li l-intimati ġew notifikati bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni (ara paġ. 55 u 60-73) u li la dehru fis-seduta tal-lum u lanqas ressqu n-nota biex jittantaw jressqu difiża.

Għalhekk il-qorti qiegħda tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ, tiddikjara lill-intimati solidalment debituri tar-rikorrent Eucharist Baldacchino fl-ammont ta' €33,945.00 u tar-rikorrent Ivan Gauci fl-ammont ta' €114,768; tikkundanna lill-intimati solidalment biex iħallsu lir-rikorrent Eucharist Baldacchino is-somma ta' €33,945.00; tikkundanna lill-intimati solidalment iħallsu lir-rikorrent Ivan Gauci is-somma ta' €114,768; u dan bl-ispejjeż kollha inklużi dawk kawtelatorji u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur